Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/1464

5.3.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tas-26 ta' Frar 2026**

**li testendi l-mandat tal-president ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

(C/2026/1464)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 166(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2017/1001, il-presidenti tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) jinħatru mill-Kunsill għal mandat ta' ħames snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġi estiż aktar.

(2) Is-Sa Nina KORJUS inħatret president ta' Bord tal-Appell tal-EUIPO permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2021 ([2]). Il-mandat tagħha jintemm fil-31 ta' Diċembru 2026. Permezz ta' ittra tat-18 ta' Novembru 2025, il-Bord tat-Tmexxija tal-EUIPO ikkomunika lill-Kunsill ir-rapport tiegħu dwar l-evalwazzjoni pożittiva tal-prestazzjoni tas-Sa Nina KORJUS.

(3) Il-mandat tas-Sa Nina KORJUS bħala president ta' Bord tal-Appell tal-EUIPO jenħtieġ li jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, li jibda fl-1 ta' Jannar 2027, jew sal-età tal-irtirar jekk din l-età tintlaħaq matul il-mandat il-ġdid,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sa Nina KORJUS bħala president ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropeahuwa b'dan estiż għal perjodu ta' ħames snin, li jibda fl-1 ta' Jannar 2027, jew sal-età tal-irtirar jekk din l-età tintlaħaq matul il-mandat il-ġdid.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DAMIANOS

---

([1]) ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1001/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2021 li taħtar president ta' Bord tal-Appell u li testendi l-mandat ta' president ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 393 I, 29.9.2021, p. 1).